MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Numru. 91/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Piu Attard**

Numru: 91/2011

Illum 15 ta' Ottubru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Piu Attard**, ta' wiehed u hamsin (51) sena, iben Lawrence u Maria neé Gatt, imwieled Victoria, Ghawdex, nhar it-18 ta' Mejju, 1960 u residenti fil-fond numru 10, Triq George Mc Adam,

Xaghra, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 32560(G), akkuzat talli:

1. nhar l-10 ta' Gunju 2011, fil-Qorti tal-Appell Kriminali f'Ghawdex quddiem l-Prim Imhallef Dr. Silvio Camilleri LL.D. halef il-falz;

2. nhar it-8 ta' Frar 2011, fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali quddiem il-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. halef falz;

3. sar recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta u ta' Ghawdex liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tal-imputat barra milli tapplika l-piena li jidhrilha xieraq tapplika wkoll Artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioé tapplika l-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit f'kull kaz li jkun ghaz-zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C 1" – *a fol.* 26).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 7).

Rat il-vera kopja tal-process fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Piu Attard**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Lulju 2011 (li jinkludi wkoll l-inkartament tal-kawza mismugh mill-Qorti tal-Magustrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) li gie esebit fis-seduta tat-22 ta' Frar 2012 u li gie mmarkat bhala Dok. "G" (*a fol.* 35 *et seq.*).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq ebda provi.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jirrimetti ruhu ghall-provi li jinsabu fl-atti ta’ dawn il-proceduri u semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li kienu nhargu zewg akkuzi fil-konfront ta’ Piu Attard (l-imputat fil-kawza ojderna): wahda rigward sewqan ta’ trakk b’taghbija ta’ materjal minghajr ma kien mghotti jew maqful u ohra rigward sewqan meta kellu licenzja tas-sewqan skawlifikata (*a fol.* 36). Fl-affidavits taghhom, PC 1406 J. Parnis (*a fol.* 39) u PS 1424 M. Xiberras (*a fol.* 40) qalu li t-trakk in kwistjoni kien misjuq minn Piu Attard. Jirrizulta li meta xehed Piu Attard huwa cahad li kien qed isuq it-trakk in kwistjoni. Bhala xhud tieghu Piu Attard ressaq lil Louis Attard fejn dan qal li kien hu (Louis Attard) li kien qed isuq u mhux Piu Attard.

Illi, fis-sentenza taghha (*a fol.* 45 *et seq.*), il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali qalet hekk:

“Illi l-Qorti semghet jixhdu viva-voce liz-zewg ufficjali tal-Pulizija nvoluti f’dan l-incident u li hadu r-rapport. L-imputat xehed illi kien Louis Attard li kien qed isuq u mhux hu. Ressaq anki lil Louis Attard jixhed li baqa’ jistqarr illi kien hu li kien qed isuq u mhux l-imputat. Meta sar konfront bejn dan ix-xhud u z-zewg ufficjali tal-Pulizija, dawn baqghu jsostnu illi kien l-imputat [Piu Attard] illi kien qed isuq u li dan Louis Attard ma kienx mieghu. Il-Qorti temmen bi shih lil dawn iz-zewg ufficjali tal-Pulizija u kwindi m’hijiex ser tkun klementi meta tigi biex tinfliggi l-piena fil-konfront tal-imputat [Piu Attard] li vvinta dina l-istorja”.

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali mbaghad ghaddiet biex ikkundannat lill-imputat Piu Attard ghal xahar prigunerija.

Illi, in segwitu ta' din is-sentenza, Piu Attard intavola appell fis-smiegh ta' liema appell PS 1424 Mario Xiberras u PC 1406 Joseph Parnis ghal darb'ohra kkonfermaw li kien Piu Attard li kien qed isuq it-trakk in kwistjoni (*a fol.* 90 u *a fol.* 94) u t-tnejn jghidu li Piu Attard kien wahdu fil-gabina (*a fol.* 91 u *a fol.* 95). Da parte tieghu, anke fis-smiegh tal-appell, Piu Attard cahad li hu kien qed isuq it-trakk in kwistjoni u jghid li t-trakk kien qed jinstaq minn Louis Attard (*a fol.* 96). Piu Attard gie mwissi biex jghid il-verita (*a fol.* 96). Il-Qorti tal-Appell ordnat li jsir konfront bejn Piu Attard u PC 1406 Joseph Parnis (*a fol.* 101) kif ukoll ma' PS 1424 Mario Xiberras (*a fol.* 104). Meta xehed fis-smiegh tal-appell, Louis Attard qal li hu kien qed isuq it-trakk in kwistjoni u li zijuh Piu Attard kien mieghu (*a fol.* 111). Louis Attard gie mwissi biex jghid il-verita (*a fol.* 116). Il-Qorti tal-Appell ordnat li jsir konfront bejn Louis Attard u PC 1406 Joseph Parnis (*a fol.* 118).

Illi fis-sentenza taghha (*a fol.* 124 *et seq.*) il-Qorti tal-Appell Kriminali, filwaqt li ghaddiet biex ikkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, qalet hekk:

"Din il-Qorti, ghalhekk, bhall-ewwel Qorti ma taghti anqas l-icken farka ta' kredibilita' lill-imputat u lix-xhud Louis Attard fejn dawn jixhdu li fil-fatt kien Louis Attard li kien wara l-*isteering wheel* u li l-imputat kien fis-*seat* tal-passiggier. Il-Qorti hi ghal kollox konvinta li kif xehdu s-surgent PS1424 Mario Sciberras [Xiberras] u PC 1406 Joseph Parnis dakinhar tal-incident kien hemm persuna wahda biss riekba fit-trakk KAT 549 in kwistjoni u li din kienet fis-*seat* tad-*driver* u kienet issuq it-trakk u li din il-persuna ma kienet hadd izjed hlief l-imputat [Piu Attard]. Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, l-htija tal-imputat tar-reati dedotti kontra tieghu giet ippruvata minghajr ebda hjiel ta' dubbju".

Illi fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk ukoll (*a fol.* 127):

"[P]eress illi l-Qorti hi tal-fehma li l-imputat [Piu Attard] kif ukoll ix-xhud Louis Attard li xehdu quddiemha fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2011 jistghu irrendew lilhom infushom hatja ta' spergur fi proceduri kriminali, tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel l-investigazzonijiet opportuni u fl-eventwalita' li jirrizultawlu provi sufficjenti jiehu dawk il-proceduri ulterjuri kontra l-imputat [Piu Attard] u x-xhud Louis Attard li jkunu opportuni u tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali".

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li ordnat il-Qorti tal-Appell Kriminali, ittiehdet stqarrija tal-imputat Piu Attard (Dok. "I" – *a fol.* 135 *et seq.*) f'liema stqarrija qal li t-trakk in kwistjoni kien qed jigi misjuq minn Louis Attard u li hu (Piu Attard) kien passiggier (*a fol.* 136).

Illi, bhala xhieda fil-kawza odjerna, il-Prosekuzzjoni ressqet lil **PS 1424 Mario Xiberras** u **PC 1406 Joseph Parnis** li xehdu li kien Piu Attard li kien qed isuq it-trakk in kwistjoni (*a fol.* 138 u 139).

Illi, da parte tieghu, l-**Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 144 *et seq.*) xehed rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu u x'wasslu originarjament biex johrog l-akkuzi fil-konfront ta' Piu Attard u, a bazi ta' dak li ddeciediet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-13 ta' Lulju 2011, x'wasslu biex jintavola l-akkuzi odjerni kontra l-imputat Piu Attard.

**Ikkunsidrat**

Illi, permezz tal-proceduri odjerni, l-imputat Piu Attard jinsab akkuzat taht l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu li ta xiehda falza kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi l-Artikolu 104 tal-Kapitolu 9 jipotizza s-sitwazzjoni ta' spergur fi proceduri kriminali fejn l-imputat f'dik il-kawza jkun qed jigi akkuzat b'delitt li jgorr mieghu il-piena ta' aktar minn sentejn prigunerija. Artikolu 105 tal-Kapitolu 9 jghid hekk:

"Kull min jagħti xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar ir-reat mhux imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa sentejn".

Illi l-Qorti sejra taghmel riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wigi Attard** deciza fil-25 ta' April 1953 fejn il-Qorti irriteniet li d-disposizzjoni tal-ligi li tirrendi hati ta' spergur lil min jaghti xiehda falza fi proceduri kriminali, sew kontra kemm favur l-imputat, hija applikabblli anki ghall-kaz ta' min ikun xehed il-falz f'kawza kriminali fejn kien imputat huwa stess. L-istess principju gie ribadit fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmelo Bartolo** deciza fit-12 ta' Mejju 1953 fejn l-istess Qorti tal-Appell Kriminali qalet:

"L-imputat illi jixhed il-falz f'kawza kriminali li saret kontra tieghu stess jirrendi ruhu hati ta' falza testimonjanza l-istess bhal kieku dak l-ispergur gie kommess minn xhud li tkun persuna diversa mill-imputat".

Illi jista' jigi stabbilit li l-imputat qed jigi akkuzat bi ksur ta' Artikolu 105 tal-Kapitolu 9. Dan ir-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioé sa mit-30 ta' Jannar 1854 u sussegwentment kienu saru xi emendi zghar, madanakollu fis-sustanza tieghu r-reat baqa' l-istess. Illi l-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu **"Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze"** (1872) fisser ir-*ratio* ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi. Jispjega:

*"Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui, l'intenzione criminosa, esiste*

*appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero."*

Fuq l-istess vena jghid l-Antolisei:

"*L'Autorita' gudizziaria per assolvere i suoi compiti, ha bisogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete, affinche' possano essere emessi provvedimenti giusti, e cioe' conformi alla lettera e allo spirito della legge. La testimonianza falsa e reticente puo' fuorviare l'attivita' giudizziara e per questa ragione viene sottoposta a pena. […] Oggetto della tutela penale e' l'Amministrazione Della Giustizia alla veridicita' e completezza di quel mezzo di prova che va sotto il nome di testimonianza*".[1]

Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta t-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana r-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' jwassal biss ghal *miscarriage of justice*, dana peress illi l-gudikant ser jasal ghal gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz. Minn dana l-bran ukoll jemergu l-elementi legali li jsawru dana r-reat, kif ahjar esposti mill-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali fejn jelenka erba' elementi li huma essenzjali ghall-ezistenza ta' dana r-reat tal-*judicial perjury* cioé:

"(i) *a testimony given in a cause*.
(ii) *on oath lawfully administered by the competent authority*.
(iii) *falsity of such testimony in a material particular*.
(iv) *willfulness of such falsity or criminal intent*".

Dwar l-ewwel element ma hemmx wisq x'jinghad. Dana johrog car mill-qari stess tad-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar dana r-reat. Jidher illi s-suggett attiv ta' dana r-reat huwa ovvjament ix-xhud. Ghalhekk qabel xejn irid ikun hemm xiehda li tinghata f'kawza pendenti

[1] Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia.

quddiem Qorti tal-Gustizzja u dana fi proceduri gudizzjarji maghmula skond il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta' stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-fatti esposti. Il-Mamo jghid:

"*It must be a cause that is to say contentious proceedings which call for a decision"*.

It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u cioé x-xiehda falza li trid tkun giet moghtija taht gurament li jigi moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti. Kif ighidu l-awturi, fosthom il-Manzini, dina tista' tkun wahda minn tlett ipotesi u cioé "***l'affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza*.**"[2]

Illi l-ahhar zewg elementi huma l-iktar tnejn importanti li jistghu jwasslu ghal kundanna. Dana peress illi dawn jitkellmu dwar in-natura tax-xiehda li tinghata u l-intenzjoni tax-xhud.

Ghalhekk fit-tielet lok il-falsita trid tkun tirreferi ghal **fatt materjali u determinanti ghal ezitu tal-kawza**. Il-Mamo jghid:

"*In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. [T]he law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist*."

Ikompli jikkwota dak li jghid il-Maino:

"*Perche' sussista la falsa testimonianza […] e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliziosamente*

---

[2] Capitolo XIX Delitti Contro l'Amministrazione della Giustizia.

*taciute <u>siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa</u>*." (sottolinjar tal-Qorti).

Il-Mamo jkompli:

"*If the falsity is material, that is to say could have effected the decision one way or the other, it does not matter that it has not in fact influenced such decision. All the authorities are unanimous that a crime of false testimony is complete so soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court".*

L-istess ighid l-Antolisei:

"*Affinche' possa farsi luogo alla punizione, per noi e' necessario che la falsita' sia guridicamente relevante, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attivita' giudiziaria sia fuorviata, occorre che il fatto che' e stato commesso abbia la possibilita' di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilita' di influire sulla decisione giudiziaria sia requisito implicito del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio della norma o se si preferisce dalla oggettivita' giuridica del delitto medesimo. Ne consegue che debbono considerarsi giuridicamente irrilevanti non solo le falsita' che concernano circostanze estranee alla causa (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense) oppure insignificanti, ma anche tutte le altre che per la loro natura o per l'oggetto a cui si riferiscono non hanno alcuna possibilita' di turbare il corso dell'attivita' giudiziaria"*.[3]

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l'hekk imsejha ***mens rea*** tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo:

"*The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. […] Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in*

[3] *Ibid.*

*addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted"*.

L-istess ighid l-Antolisei:

*"Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficolta'. Esso consiste nella coscienza e volonta' di affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacere, in tutto o in parte cio' che si sa. Naturalmente il dolo e' escluso dall'errore di fatto, il quale puo' essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica".*

Il-Maino wkoll isostni:

*"L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e la coscienza di mentire o di nascondere la verita. […] Qualunque errore o dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e l'apprezzamento di modesto dolo depende dalle circostanze"*.[4]

L-awturi huma kollha konkordi, fis-sens illi sabiex jissussisti dana r-reat bil-fors illi x-xhud irid ikollu l-intenzjoni doluza u cioé irid volontarjament u bil-hsieb jixhed il-falz jew ma jghidx il-verita. Jekk hija nieqsa dina l-intenzjoni allura l-ebda xiehda inveritjiera ma tista' twassal ghal xi sejbien ta' htija ghal dana d-delitt.

Il-Qorti ghalhekk trid tezamina dawn l-elementi surreferiti fid-dawl tal-provi akkwiziti f'dana l-process penali.

**Ikkunsidrat**

Illi x-xiehda li qed tigi issindikata f'dina l-vertenza hija dik moghtija mill-imputat Piu Attard fil-kawza mismugha quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta'

[4] Commento al Codice Penale – Dei Delitti Contro l'Amministrazione della Giustizia.

Gudikatura Kriminali, precizament fit-8 ta' Frar 2011 u kif ukoll dik moghtija quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Gunju 2011.

Illi, kif diga nghad aktar il-fuq, l-imputat f'din il-kawza kien l-istess imputat fil-kawza **Il-Pulizija vs. Piu Attard**, mismugha mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn l-imputat f'din il-kawza kien xehed li mentri Louis Attard kien qed isuq it-trakk in kwistjoni, huwa (Piu Attard) kien passiggier fl-istess trakk. Jirrizulta li dak li qal l-imputat Piu Attard quddiem il-Qorti Inferjuri fil-kawza kontra tieghu stess qalu wkoll fis-smiegh tal-appell tal-istess kawza. Saru diversi konfronti, kemm quddiem il-Qorti Inferjuri u kif ukoll quddiem dik tal-Appell. Iz-zewg qrati ghamlu riferenza ghal dak li nghad quddiemhom minn Piu Attard, li jikkontrasta ma' dak li effettivament irrizulta.

Illi d-difiza tistaqsi fit-trattazzjoni taghha (*a fol.* 157 *et seq.*) jekk, tenut kont tal-kuntrast qawwi bejn il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza fil-kawza kontra Piu Attard, fejn il-Qorti attribwiet verosimiljanza ghax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, awtomatikament intlahaqx il-livell ta' prova rikjest mil-ligi biex l-imputat jigi misjub hati f'din il-kawza.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-erba' elementi elenkati mill-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali li huma essenzjali ghall-esistenza tar-reat tal-*judicial perjury* u li gew elenkati aktar il-fuq. Jirrizultaw is-segwenti:

(a) id-deposizzjoni ta' Piu Attard inghatat fil-kawza kontra tieghu stess kemm quddiem il-Qorti Inferjuri u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali: wahda fit-8 ta' Frar 2011 u ohra fl-10 ta' Gunju 2011;

(b) l-imputat Piu Attard nghata l-gurament mill-Magistrat u mill-Prim'Imhallef, quddiem liema kienu nstemghu z-zewgi kawzi: l-ewwel fi stadju inferjuri imbaghad fi stadju ta' appell;

(c) ix-xiehda tal-imputat Piu Attard [fejn huwa qal li kien passiggier fit-trakk in kwistjoni] irriferiet ghal fatt materjali u determinanti ghall-ezitu tal-kawza *stante* li permezz ta' liema xiehda setghet ma tinstabx htija fih, li kellu l-licenzja tas-sewqan skwalifikata;

(d) fir-rigward tal-element intenzjonali, dan jirrizulta li jezisti u cioé li l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dan ir-reat giet ppruvata u dana peress illi b'dak li xehed Piu Attard ittenta jiskolpa lilu nnifsu minn kull htija u b'hekk ried li jinheba dak li effettivament u verament gara.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti m'ghandhiex dubju li mill-provi prodotti u minn dak li nghad fuq, l-elementi essenzjali ghall-esistenza tar-reat tal-*judicial perjury* jirrizultaw.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi x-xiehda moghtija mill-imputat Piu Attard fil-process penali kontra tieghu m'ghandhiex mis-sewwa u li ghalhekk huwa ta xiehda falza fil-proceduri kriminali kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawza "Il-Pulizija vs. Piu Attard" (Dok. "G" – *a fol.* 35 *et seq.*). B'hekk ghandha tinstab htija fl-imputat ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-recidiva taht it-tielet (3) imputazzjoni. Il-Prosekuzzjoni ezebiet diversi sentenzi li jinsabu *a fol.* 27, 29, 31 u 33 (Dok. "C", "D", "E" u "F" rispettivament) tal-process. Il-Qorti tinnota li l-konnottati tal-imputat fis-sentenzi *a fol.* 27, 29 u 31 huma identici ghall-konnottati tal-imputat fil-kawza odjerna. Fir-rigward tas-sentenza li tinsab *a fol.* 33, minkejja li l-Karta tal-Identita' tal-imputat f'din is-sentenza ghandha n-numru "9" zejjed, il-Qorti tinnota li l-bqija tal-konnotati tal-imputat huma identici ghall-konnottati tal-imputat fil-kawza odjerna. Il-Qorti tinnota wkoll, u dana b'riferenza ghas-sentenza *a fol.* 33, li l-iSpettur Frank Tabone, fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 154) kkonferma li l-imputat

fis-sentenza *a fol.* 33 huwa l-istess imputat fil-kawza odjerna. B’hekk m’hemmx dubju li anke t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi jsegwi li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat jirrizultaw sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat (Dok. “B” – *a fol.* 9) (li mhijiex wahda nadifa xejn), l-akkuzi serji li taghhom ser jinstab hati l-imputat, u dana b’mod partikolari l-akkuza tar-recidiva. Huwa abbuz serju tas-sistema guridika li l-parti f’kawza taghmel dak li jistipula l-Artikolu 105 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta bl-intenzjoni cara li tqarraq bil-Qorti u tistultifika r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. La darba l-imputat Piu Attard ghazel li jixhed fis-seduti ndikati fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, hu kien imbaghad obbligat li jiddeponi s-sewwa, s-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa. Il-Qorti trid tqis ukoll li x-xorta ta’ reat li ser jinstab hati tieghu l-appellant jimmina serjament l-amministrazzjoni tal-gustizzja u ghalhekk irid jigi trattati konformement u mhux b’mod legger (*Vide* Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Emmanuel Degiorgio** deciz fid-29 ta’ Mejju 2003). Minhabba l-akkuza tar-recidiva (taht l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta), li tirrizulta pruvata, il-Qorti ma tistax taghti sentenza ta’ prigunerija sospiza fil-konfront tal-imputat u mhijiex tal-fehma li ghandu jigi applikat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. B’hekk il-Qorti m’ghandhiex alternattiva hlief li timponi piena ta’ prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50 u 105 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat Piu Attard hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ erbatax (14) il-xahar prigunerija.

*In oltre*, il-Qorti qieghda tordna l-interdizzjoni generali tal-imputat Piu Attard kif ukoll l-interdizzjoni milli jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja u milli jservi bhala perit ghall-perijodu ta’ ghaxar (10) snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------